ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 341

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53
16 ta' Diċembru 2010

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 341/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5995 – VW/Karmann) (1) ........ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 341/02 Rata tal-kambju tal-euro ........ 2

2010/C 341/03 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida dwar it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li jużaw denominazzjonijiet protetti ta' oriġini (DPO) u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) bħala ingredjenti ....... 3

2010/C 341/04 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ........ 5

MT

Prezz:
EUR 3

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2010/C 341/05 Estratt mid-deċiżjoni dwar Landsbanki Íslands hf. skont id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu .............. 12

2010/C 341/06 Estratt mid-deċiżjoni dwar VEF banka skont id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu .............................. 14

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Awtorità ta’ Sorveljanza EFTA**

2010/C 341/07 Sejħa biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-twaqqif ta’ Awtorità ta’ Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja dwar kwistjonijiet ta’ għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-kapitalizzazzjoni mill-ġdid tal-kumpanija ta’ assikurazzjoni Sjóvá fl-Islanda .... 15

**Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

2010/C 341/08 Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt ŻEE li dwarhom twettqu r-rekwiżiti kostituzzjonali skont l-Artikolu 103 tal-Ftehim ŻEE .......................................................................... 26

2010/C 341/09 Lista ta’ ilmijiet minerali naturali rikonoxxuti mill-Islanda u n-Norveġja *(Tannulla u tieħu post it-test ippubblikat fil-ĠU C 28, 4.2.2010, p. 24 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 5, 4.2.2010, p. 1)* ............ 39

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 341/10 Sejħa għal proposti – EACEA/41/10 għall-implimentazzjoni ta’ Erasmus Mundus 2009-2013 għas-sena 2011 ..................................................................................... 40

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta’ wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.5995 – VW/Karmann)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 341/01)

Fid-29 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5995. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**Il-15 ta' Diċembru 2010**

(2010/C 341/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3360 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3436 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 111,88 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3440 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4516 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,3878 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85290 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7861 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,0798 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7502 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2826 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 541,53 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,0686 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,8660 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,8917 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3898 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,155 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 061,15 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1990 |
| HUF | Forint Ungeriż | 274,63 | PHP | Peso Filippin | 58,706 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 40,9375 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7097 | THB | Baht Tajlandiż | 40,194 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9783 | BRL | Real Brażiljan | 2,2694 |
| RON | Leu Rumen | 4,2885 | MXN | Peso Messikan | 16,5766 |
| TRY | Lira Turka | 2,0277 | INR | Rupi Indjan | 60,5640 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida dwar it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li jużaw denominazzjonijiet protetti ta' oriġini (DPO) u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) bħala ingredjenti

(2010/C 341/03)

## 1. INTRODUZZJONI

### 1.1. Sfond

L-Unjoni Ewropea ilha mill-1992 tiżviluppa politika speċifika dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]). Il-metodi tat-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li għandhom jiġu kkunsinnjati bħala tali lill-konsumatur aħħari kif ukoll il-metodi ta' pubbliċità marbuta ma' dawn il-prodotti huma koperti bid-Direttiva dwar it-Tikkettar ([2]).

Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna denominazzjonijiet protetti ta' oriġini (DPO) u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) tistipula, *inter alia*, li d-denominazzjonijiet irreġistrati għandhom ikunu protetti kontra kwalunkwe użu kummerċjali, kemm dirett kif ukoll indirett, fir-rigward ta' prodotti mhux koperti mir-reġistrazzjoni safejn dawk il-prodotti huma komparabbli mal-prodott irreġistrat taħt dik l-indikazzjoni ġeografika u safejn tali użu jisfrutta r-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika rreġistrata ([3]). Fl-istess waqt, id-Direttiva dwar it-Tikkettar tirrikjedi li t-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel u l-pubbliċità relatata ma jistgħux ikunu tali li jqarrqu bil-konsumatur, b'mod partikolari, fir-rigward tal-karatteristiċi, l-identità, il-kwalitajiet u l-kompożizzjoni tal-oġġetti tal-ikel ikkonċernat ([4]).

F'dan l-isfond, jekk l-inklużjoni ta' prodott li jibbenefika minn DPO jew IĠP f'oġġett tal-ikel tista', naturalment, tipprovdi vantaġġ sinifikanti għal dawn il-prodotti ta' kwalità, għandu, xorta waħda, jiġi żgurat li kwalunkwe referenza għal tali inklużjoni fit-tikkettar ta' oġġett tal-ikel issir f'*bona fide* u ma għandhiex tqarraq bil-konsumatur.

### 1.2. Linji gwida

Fil-Komunikazzjoni tagħha fuq il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli (COM(2009) 234), il-Kummissjoni impenjat ruħha li tistabbilixxi linji gwida rigward it-tikkettar u l-pubbliċità għal prodotti pproċessati li jużaw indikazzjonijiet ġeografiċi bħala ingredjenti.

Dawn il-linji gwida ġew imfassla biex juru d-dispożizzjonijiet legali li japplikaw fir-rigward ta' din il-kwistjoni u biex jgħinu lill-operaturi ekonomiċi jistabbilixxu l-livell ta' flessibbiltà disponibbli. B'mod partikolari, għandhom l-għan li jesponu l-fehma tal-Kummissjoni dwar:

— il-kundizzjonijiet għall-użu ta' denominazzjonijiet irreġistrati bħal DPO u IĠP fit-tikkettar, fil-preżentazzjoni u fil-pubbliċità tal-oġġetti tal-ikel li jinkludu tali denominazzjonijiet bħala ingredjenti;

— il-prattiki tajbin li jiżguraw li d-denominazzjonijiet li ġew irreġistrati bħala DPO jew IĠP li jintużaw bħala ingredjenti f'oġġetti tal-ikel, ma jintużawx b'mod abbużiv li jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-prodott li jibbenefika minn tali denominazzjonijiet, jew li jqarrqu bil-konsumaturi rigward il-kompożizzjoni tal-prodott aħħari.

L-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida hija volontarja.

L-eżempji msemmija f'dawn il-linji gwida huma pprovduti, esklussivament, għal finijiet illustrattivi u ma jirriflettux sitwazzjonijiet jew każijiet imressqa lill-Kummissjoni għal attenzjoni tagħha.

Dawn il-linji gwida ma għandhomx jitqiesu bħala interpretazzjoni legalment ristrettiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-DPO u l-IĠP jew id-Direttiva dwar it-Tikkettar. Fil-fatt, interpretazzjoni tali ta' din il-leġiżlazzjoni hija biss kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; barra dan, il-kwistjoni dwar jekk it-tikkettar ta' ċerti prodotti jistax iqarraq bix-xerrej jew bil-konsumatur jew id-deċiżjoni dwar il-karatteristika potenzjalment qarrieqa ta' isem kummerċjali huma esklussivament kompetenza tal-qrati nazzjonali ([5]).

Dawn il-linji gwida jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni.

## 2. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tixtieq tfassal sensiela ta' rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-modi ta' użu ta' denominazzjoni rreġistrata bħala DPO jew IĠP u r-referenzi, abbrevjazzjonijiet u simboli rilevanti tal-Unjoni Ewropea fit-tikkettar tal-prodotti li jibbenefikaw minn tali denominazzjoni kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet marbuta mad-denominazzjonijiet irreġistrati bħala DPO jew IĠP inklużi bħala ingredjenti fl-oġġetti tal-ikel.

### 2.1. Rakkomandazzjonijiet dwar l-użu ta' denominazzjoni rreġistrata

1. Skont il-Kummissjoni, denominazzjoni rreġistrata bħala DPO jew IĠP tistà tkun inkluża, b'mod leġittimu, fil-lista ta' ingredjenti ta' oġġett tal-ikel.

2. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li denominazzjoni rreġistrata bħala DPO jew IĠP tista' tissemma bħala parti minn jew qrib l-isem kummerċjali ta' oġġett tal-ikel li jinkludi prodotti li jibbenefikaw minn denominazzjoni rreġistrata, kif ukoll fit-tikkettar, il-preżentazzjoni u l-pubbliċità ta' dan l-oġġett tal-ikel, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12) kif ukoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2006 tal-14 ta' Diċembru 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 (ĠU L 369, 23.12.2006, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel (ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29).

([3]) Hekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

([4]) Hekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2000/13/KE.

([5]) F'dan ir-rigward, hekk jogħġbok, irreferi għas-sentenza tal-Qorti 2009 f'*Severi*, C-446/07, Ġabra. p. I-8041, punt 60.

— L-oġġetti tal-ikel ma għandhomx jinkludu l-ebda "ingredjent komparabbli" ieħor, jiġifieri, l-ebda ingredjent ieħor ma jista' jieħu post, kemm parzjalment kif ukoll kompletament, ingredjent li jibbenefika minn DPO jew IĠP. Bħala eżempju, mhux ristrettiv, tal-kunċett ta' "ingredjent komparabbli", il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ġobon bil-vini blu (magħruf aħjar bħala "Ġobon tat-tip blù") jista' jkun komparabbli mar-"Roquefort".

— Minbarra dan, dan l-ingredjent għandu jintuża wkoll f'kwantità suffiċjenti sabiex jagħti l-karatteristika essenzjali lill-oġġett tal-ikel ikkonċernat. Madankollu, minħabba l-firxa wiesgħa ta' każijiet potenzjali, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tissuġġerixxi perċentwali minimu li jista' jiġi applikat b'mod uniformi. Pereżempju, l-inklużjoni ta' ammont minimu ta' ħwar li jibbenefika minn DPO jew IĠP f'oġġett tal-ikel, jekk xieraq, għandha tkun suffiċjenti biex tagħti l-karatteristika essenzjali lill-oġġett tal-ikel ikkonċernat. Min-naħa l-oħra, l-inklużjoni ta' ammont minimu ta' laħam li jibbenefika minn DPO jew IĠP f'oġġett tal-ikel ma tkunx, *a priori*, suffiċjenti biex tagħti l-karatteristika essenzjali lill-oġġett tal-ikel ikkonċernat.

— Fl-aħħar, il-perċentwali tal-inklużjoni ta' ingredjent li jibbenefika minn DPO u IĠP għandu, idealment, jiġi indikat bħala parti jew qrib l-isem kummerċjali tal-oġġett tal-ikel, jew inkella fuq il-lista tal-ingredjenti direttament relatati mal-ingredjent ikkonċernat.

3. Ladarba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (2), il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-referenzi, abbrevjazzjonijiet [1] u simboli tal-Unjoni Ewropea li jakkumpanjaw id-denominazzjoni rreġistrata ma għandhomx jintużaw ħlief fit-tikkettar, jew bħala parti mill-isem kummerċjali jew qrib tiegħu jew fil-lista tal-ingredjenti, sakemm tkun ċara li l-oġġett tal-ikel innifsu mhuwiex DPO jew IĠP. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan iwassal għal sfruttar żejjed tar-reputazzjoni tad-DPO jew l-IĠP li jista' jwassal sabiex jiġi mqarraq il-konsumatur. Pereżempju, fil-każ ta' ismijiet kummerċjali "Pizza Roquefort" jew "Pizza magħmula bir-Roquefort DPO", il-Kummissjoni mhijiex tal-fehma li dawn l-ismijiet qegħdin f'kunflitt ma' xulxin. Min-naħa l-oħra, l-isem kummerċjali "Pizza Roquefort DPO" ma jkunx irrakkomandat peress li isem kummerċjali bħal dan jista' jagħti l-impressjoni li l-pizza nnifisha tibbenefika minn DPO.

4. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li jekk ġie inkluż ingredjent komparabbli ma' ingredjent li jibbenefika minn DPO/IĠP fl-oġġett tal-ikel, l-isem irreġistrat bħal DPO jew IĠP għandu jidher biss fil-lista tal-ingredjenti, u l-metodi biex isir dan għandhom ikunu simili għal ingredjenti oħra msemmija. B'mod partikolari, ikun xieraq li jintużaw karattri identiċi, f'termini ta' tipa, daqs, kulur, eċċ.

## 2.2. **Rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw l-ispeċifikazzjonijiet marbuta mad-denominazzjonijiet irreġistrati bħala DPO jew IĠP inklużi bħala ingredjenti fl-oġġetti tal-ikel**

Skont il-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet marbuta mal-użu ta' denominazzjoni rreġistrata bħala DPO jew IĠP fit-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra ma għandhomx jiġu inklużi, fil-prinċipju, fl-ispeċifikazzjonijiet ta' dik id-denominazzjoni, il-konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni min-naħa tal-operaturi ekonomiċi għandha tikkostitwixxi garanzija adegwata. L-oġġetti tal-ikel jistgħu, fuq bażi eċċezzjonali, jiġu elenkati jekk permezz ta' dan tiġi solvuta diffikultà speċifika li ġiet identifikata b'mod ċar u sakemm tikkettar ta' dan it-tip ikun oġġettiv, proporzjonali u mhux diskriminatorju. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe dispożizzjoni elenkata fl-ispeċifikazzjonijiet ma għandhiex tkun intenzjonata li timmodifika l-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

---

[1] Dan fil-każ tar-referenzi "denominazzjoni protetta ta' oriġini" jew "indikazzjoni ġeografika protetta" kif ukoll l-abbrevjazzjonijiet DPO u IĠP.

# Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2010/C 341/04)

## 1. DAĦLA

Matul dawn l-aħħar snin kien hemm żieda sostanzjali fl-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarja għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel. Inventarju ppreparat għall-Kummissjoni fl-2010 [1] jelenka aktar minn 440 skema differenti, li l-maġġoranza tagħhom ġew stabbiliti matul dawn l-aħħar għaxar snin.

Skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti agrikoli u għal oġġetti tal-ikel jipprovdu assigurazzjoni (permezz ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni) li ċerti karatteristiċi jew attributi tal-prodott, jew il-metodu jew is-sistema ta' produzzjoni tiegħu, stabbiliti fi speċifikazzjoni, ġew osservati. Dawn ikopru firxa wiesgħa ta' inizjattivi differenti li jiffunzjonaw fi stadji differenti tal-katina tal-provvista tal-ikel (qabel ma jidħlu jew wara li joħorġu mir-razzett; ikopru l-katina tal-provvista tal-ikel kollha jew parti minnha; jaffettwaw is-setturi kollha jew segment wieħed biss tas-suq, eċċ.). Huma jistgħu joperaw fil-livell ta' negozju għal negozju (B2B) (meta s-supermarket jew in-negozju tal-ipproċessar ikun ir-riċevitur finali intenzjonat tal-informazzjoni) jew f'livell ta' negozju għal konsumatur (B2C). Dawn jistgħu jużaw logos, għalkemm ħafna, speċjalment l-iskemi B2B, ma jagħmlux hekk.

Waqt li l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni skont id-definizzjoni tagħhom jużaw ċertifikazzjoni ta' parti terza, hemm skemi oħrajn fis-suq li joperaw abbażi ta' tikketta jew logo (spiss irreġistrat bħala trejdmark) mingħajr ma jinvolvu xi mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. Il-konformità ma' dawn l-iskemi ssir permezz ta' awtodikjarazzjoni jew permezz ta' għażla mis-sid tal-iskema. B'mod konformi mad-definizzjonijiet ipprovduti fit-taqsima 2, dawn l-iskemi sejra ssir referenza għalihom bħala "skemi ta' awtodikjarazzjoni". L-użu taċ-ċertifikazzjoni jkun xieraq l-aktar meta l-ftehimiet magħmula jkunu kumplessi, stabbiliti fi speċifikazzjonijiet dettaljati u jiġu kkontrollati perjodikament. L-awtodikjarazzjoni hija aktar xierqa għal pretensjonijiet pjuttost iktar diretti (kwistjoni waħda).

L-iżvilupp tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni huwa xprunat prinċipalment minn fatturi bħad-domanda tas-soċjetà għal ċerti karatteristiċi [2] tal-prodott jew għall-proċess tal-produzzjoni tiegħu fuq naħa waħda (l-aktar għall-iskemi B2C), u x-xewqa tal-operaturi li jiżguraw li l-fornituri tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati, fuq in-naħa l-oħra (l-aktar għall-iskemi B2B). Fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel [3] ipoġġi r-responsabbiltà primarja biex ikun żgurat li l-ikel u l-għalf jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel u biex ikun ivverifikat li tali rekwiżiti huma ssodisfati, f'idejn l-operatur tan-negozju tal-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-operaturi l-kbar fil-katina tal-provvista tal-ikel ta' spiss jiddependu fuq l-iskemi ta' ċertifikazzjoni sabiex jissodisfaw lilhom infushom li prodott jissodisfa r-rekwiżiti u biex jipproteġu r-reputazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom fil-każ ta' inċident relatat mas-sikurezza tal-ikel.

Huwa evidenti li ċertifikazzjoni privata mhijiex meħtieġa biex turi konformità mar-rekwiżiti legali. Kwalunkwe skema ta' ċertifikazzjoni privata għas-settur agrikolu u tal-ikel trid tibqa' volontarja. Meta l-operaturi jużaw ċertifikazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti bażiċi sabiex iħaffu t-transazzjonijiet ma' atturi oħra matul il-katina tal-ikel, għandu jkun ċar li din il-prattika ma tistax tintuża biex issir differenzazzjoni bejn il-prodotti fis-suq.

L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jġibu benefiċċji:

— lil atturi intermedjarji fil-katina tal-provvista tal-ikel, billi jiżguraw l-istandards u b'hekk jipproteġu r-responsabbiltà u r-reputazzjoni fir-rigward tal-prodott u l-indikazzjonijiet ta' fuq it-tikketta;

— lill-produtturi, billi jżidu l-aċċess għas-suq, is-sehem fis-suq u l-marġini tal-prodott għal prodotti ċċertifikati u, potenzjalment anki billi jżidu l-effiċjenza u jnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet; u

— lill-konsumaturi, billi jipprovdu informazzjoni kredibbli u affidabbli rigward l-attributi tal-prodott u l-proċess.

Xi partijiet interessati argumentaw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jista' jkollhom dawn l-iżvantaġġi:

— theddid għas-suq uniku [4];

— mistoqsijiet rigward it-trasparenza tar-rekwiżiti tal-iskemi u rigward il-kredibbiltà tal-indikazzjonijiet, b'mod partikolari għal skemi li jiċċertifikaw konformità mar-rekwiżiti tal-linja bażi;

— potenzjal għall-ingann tal-konsumaturi;

— spejjeż u piżijiet fuq il-bdiewa, b'mod partikolari meta jkollhom jissieħbu f'diversi skemi biex jissodisfaw it-talbiet mingħand ix-xerrejja tagħhom;

[1] Studju mwettaq minn Areté għad-DĠ AGRI; ara http://ec.europa.eu/agriculture/quality/index_en.htm

[2] Pereżempju: il-benesseri tal-annimali; is-sostennibbiltà ambjentali; il-kummerċ ġust.

[3] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

[4] Fil-Komunikazzjoni "Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar" (COM(2009) 591), il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tirrevedi l-istandards ambjentali u l-iskemi tat-tikkettar tal-oriġini magħżula li jistgħu jxekklu l-kummerċ transkonfinali.

— ir-riskju ta' rifjut mis-suq tal-produtturi li ma jipparteċipawx fl-iskemi ta' ċertifikazzjoni ewlenin; u

— impatt fuq il-kummerċ internazzjonali, speċjalment mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ([1]).

Il-Kummissjoni nnotat li l-kwistjoni tal-konfużjoni tal-konsumatur minħabba skemi differenti b'objettivi simili qiegħda tiġi indirizzata minn inizjattivi privati ([2]) li għandhom l-għan li joħolqu "kodiċi ta' prattika tajba" għall-organizzazzjonijiet privati li jistabbilixxu l-istandards prinċipalment fil-qasam soċjali u ambjentali. Barra minn hekk, ċerti komponenti ta' skemi eżistenti diġà wettqu passi biex jallinjaw ir-rekwiżiti ma' skemi simili għalihom u xi skemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti (prinċipalment fil-livell B2B) feġġew minn proċess ta' armonizzazzjoni ta' diversi standards individwali.

### 1.1. **Tipi ta' skemi**

Hemm diversità kbira ta' skemi fir-rigward tal-ambitu, l-objettivi, l-istruttura u l-metodi operattivi tagħhom. Kif imsemmi qabel, distinzjoni importanti bejn l-iskemi hija jekk jiddependux jew le fuq proċedura ta' ċertifikazzjoni ta' parti terza, u b'hekk jitqassmu fi skemi ta' awtodikjarazzjoni fuq naħa waħda u skemi ta' ċertifikazzjoni fuq in-naħa l-oħra. Hemm distinzjoni oħra bejn l-iskemi ta' ċertifikazzjoni fuq il-bażi ta' jekk joperawx fil-livell ta' negozju għal negozju (B2B) jew jekk jimmirawx li jipprovdu informazzjoni mill-katina tan-negozju għall-konsumatur (B2C).

Kriterju ta' klassifikazzjoni importanti ieħor jappartjeni għal jekk l-iskema tevalwax *il*-prodotti u l-proċessi (prinċipalment B2C), jew is-sistemi ta' ġestjoni (prinċipalment B2B). Fir-rigward tar-rekwiżiti speċifikati, l-iskemi jistgħu jiċċertifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti minn awtoritajiet governattivi (il-linja bażi), jew jistgħu jżidu kriterji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali ('il fuq mil-linja bażi). Mhux dejjem faċli li ssir distinzjoni bejn it-tnejn: fuq naħa waħda, l-iskemi ta' spiss jikkombinaw il-kriterji tal-linja bażi f'xi oqsma ma' rekwiżiti ogħla f'oqsma oħra; fuq in-naħa l-oħra, ċerti rekwiżiti tal-linja bażi, b'mod partikolari fil-qasam ambjentali u tal-biedja jirrikjedu li l-operaturi jużaw prattika tajba u l-aqwa prattika, u jagħmlu ġudizzji tal-valur rigward l-attenzjoni xierqa, sabiex l-azzjonijiet konkreti li jridu jittieħdu jistgħu jkunu differenti bejn l-atturi u bejn l-Istati Membri. Tabilħaqq, ir-rekwiżiti tekniċi ta' xi skemi ta' ċertifikazzjoni jintużaw mill-operaturi biex jinterpretaw u jagħmlu aktar konkreti dawn l-obbligi ġenerali.

It-tabella li ġejja turi din il-klassifikazzjoni:

**Klassifikazzjoni tal-iskemi**

| It-tip ta' ċertifikazzjoni | Awtodikjarazzjoni | Ċertifikazzjoni (ċertifikazzjoni minn parti terza) | |
|---|---|---|---|
| Udjenza: | B2C | B2C | B2B |
| Oġġetti tar-rekwiżiti speċifikati: | Prodotti u proċessi | Prinċipalment prodotti (inklużi s-servizzi) u proċessi | Prinċipalment sistemi ta' ġestjoni |
| Il-kontenut tar-rekwiżiti: | Ġeneralment 'il fuq mil-linja bażi | Ġeneralment 'il fuq mil-linja bażi | Il-linja bażi u 'l fuq mil-linja bażi |

Il-linji gwida se jiffokaw fuq l-iskemi ta' ċertifikazzjoni kif spjegat fin-naħa tal-lemin tat-tabella ta' hawn fuq.

### 1.2. **Għan tal-linji gwida**

Fil-Komunikazzjoni tagħha rigward il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli ([3]), il-Kummissjoni ddikjarat li fid-dawl tal-iżviluppi u l-inizjattivi fis-settur privat, f'dan l-istadju azzjoni leġiżlattiva ma kinitx iġġustifikata biex ikunu indirizzati l-iżvantaġġi potenzjali fl-iskemi ta' ċertifikazzjoni ([4]). Minflok dan, fuq il-bażi tal-kummenti mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni żviluppat linji gwida għal skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel f'konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv dwar il-Kwalità ([5]).

Dawn il-linji gwida huma mfassla biex jiddeskrivu l-qafas legali eżistenti u jgħinu fit-titjib tat-trasparenza, il-kredibbiltà u l-effikaċja tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarji u biex jiżguraw li ma jkunux f'kunflitt mar-rekwiżiti regolatorji. Huma jenfasizzaw l-aħjar prattika fit-tħaddim ta' tali skemi, u b'hekk joffru gwida dwar kif:

— tkun evitata l-konfużjoni tal-konsumaturi u tiżdied it-trasparenza u ċ-ċarezza tar-rekwiżiti tal-iskemi;

([1]) Il-kwistjoni tal-istandards privati ġiet diskussa fil-Kumitat SPS tad-WTO.
([2]) Pereżempju l-Alleanza ISEAL ((http://www.isealalliance.org).
([3]) COM(2009) 234.
([4]) Din il-konklużjoni kienet ibbażata fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt li eżaminat għażliet differenti biex isir progress (ara "Skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel"; http://ec.europa.eu/agriculture/quality/policy/com2009_234/ia_annex_d_en.pdf).
([5]) Grupp Konsultattiv dwar "Il-Kwalità tal-Produzzjoni Agrikola", stabbilit taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/391/KE; (ĠU L 120, 24.4.2004, p. 50).

— jitnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq il-bdiewa u l-produtturi, inklużi dawk fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; u

— tkun żgurata l-konformità mar-regoli tas-suq intern u l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni tal-UE.

Il-linji gwida huma primarjament indirizzati għall-iżviluppaturi u għall-operaturi tal-iskemi.

L-użu tal-linji gwida huwa volontarju. Il-konformità ma' dawn il-linji gwida ma tfissirx li l-Kummissjoni tkun approvat ir-rekwiżiti stabbiliti minn dawn l-iskemi. Il-linji gwida preżenti la għandhom status legali fl-UE u lanqas ma għandhom l-intenzjoni li jbiddlu r-rekwiżiti taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE.

Finalment, dawn il-linji gwida ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala interpretazzjoni legali tal-leġiżlazzjoni tal-UE minħabba li dawn l-interpretazzjonijiet huma fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## 2. AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

### 2.1. Ambitu

Il-linji gwida huma applikabbli għal skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji li jkopru:

— prodotti agrikoli, kemm dawk intenzjonati għall-konsum mill-bniedem kif ukoll dawk li mhumiex (inkluż l-għalf);

— oġġetti tal-ikel koperti bl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002; u

— proċessi u sistemi ta' ġestjoni relatati mal-produzzjoni u mal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel.

Il-linji gwida ma japplikawx għall-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi.

### 2.2. Definizzjonijiet tat-termini [1]

1. Rekwiżit speċifikat: ħtieġa jew aspettattiva li hija ddikjarata.

2. Valutazzjoni tal-konformità: turija li rekwiżiti speċifikati relatati ma' prodott, proċess, sistema, persuna jew korp huma ssodisfati.

3. Analiżi: verifika tal-adattabbiltà, l-adegwatezza u l-effikaċja tal-attivitajiet tal-għażla u tad-determinazzjoni, u r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet, fir-rigward tat-twettiq ta' rekwiżiti speċifikati.

4. Ċertifikazzjoni: il-ħruġ ta' dikjarazzjoni, ibbażata fuq deċiżjoni li ssegwi analiżi li turi li twettqu r-rekwiżiti speċifikati.

5. Dikjarazzjoni: ċertifikazzjoni mill-ewwel parti. Għall-iskopijiet ta' dawn il-linji gwida, it-terminu "skemi ta' awtodikjarazzjoni" huwa użat għal skemi kollettivi u indikazzjonijiet tat-tikketti li mhumiex iċċertifikati, u li jiddependu fuq l-awtodikjarazzjoni tal-produttur.

6. Ċertifikazzjoni: ċertifikazzjoni minn parti terza relatata ma' prodotti, proċessi, sistemi jew persuni.

7. Akkreditazzjoni: ċertifikazzjoni minn parti terza relatata ma' korp li twassal wirja formali tal-kompetenza tiegħu biex iwettaq kompiti speċifiċi. Fl-UE [2], akkreditazzjoni għandha tfisser ċertifikazzjoni minn korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali illi korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti bi standards armonizzati u, fejn applikabbli, kwalunkwe rekwiżit addizzjonali, inklużi dawk stabbiliti fl-iskema settorjali rilevanti, biex iwettqu attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità.

8. Spezzjoni: eżami tad-disinn ta' prodott, prodott, proċess jew installazzjoni u d-determinazzjoni tal-konformità tagħhom ma' rekwiżiti speċifiċi jew, abbażi ta' ġudizzju professjonali, ma' rekwiżiti ġenerali.

9. Verifika: proċess sistematiku, indipendenti, iddokumentat għall-ksib ta' rekords, dikjarazzjonijiet tal-fatti jew informazzjoni rilevanti oħra u l-valutazzjoni tagħhom b'mod oġġettiv biex ikun stabbilit kemm huma ssodisfati r-rekwiżiti speċifikati.

## 3. DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI EŻISTENTI FIL-LIVELL TAL-UE

### 3.1. Regoli relatati mat-tħaddim tal-iskemi

Skemi ta' ċertifikazzjoni li joperaw fl-UE huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet bażiċi tal-UE li ġejjin:

(1) Abbażi ta' EN ISO/IEC 17000 "Valutazzjoni tal-konformità – Vokabularju u prinċipji ġenerali".

(2) L-Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti; (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

— Regoli dwar is-suq intern. Il-fornituri ta' servizz ta' ċertifikazzjoni jistgħu jibbenefikaw mil-libertà tal-istabbiliment u mil-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi kif stabbilit fl-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewopea (TFUE) u fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar is-Servizzi ([1]). Ma għandhomx jiffaċċjaw restrizzjonijiet mhux iġġustifikati meta jiġu stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Bl-istess mod, ma għandhomx jiffaċċjaw restrizzjonijiet mhux iġġustifikati meta jipprovdu s-servizzi b'mod transkonfinali. L-iskemi ta' ċerifikazzjoni lanqas għandhom jirriżultaw f'ostakli defacto għall-kummerċ fl-oġġetti fis-suq intern.

— Regoli dwar l-involviment tal-istat fl-iskemi. Skemi ta' ċertifikazzjoni appoġġati minn korpi pubbliċi, bħalma huma l-awtoritajiet reġjonali jew nazzjonali, ma jistgħux iwasslu għal restrizzjonijiet ibbażati fuq l-oriġini nazzjonali tal-produtturi jew b'xi mod ieħor ixekklu s-suq uniku. Kwalunkwe appoġġ għal skemi ta' ċertifikazzjoni mogħti minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi tal-Istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE, għandu jkun konformi mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

— Regoli dwar il-kompetizzjoni. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni ma jistgħux iwasslu għal imġiba antikompetittiva, inkluż b'mod partikolari fuq bażi mhux eżawrjenti:

  — ftehimiet orizzontali jew vertikali li jillimitaw il-kompetizzjoni;

  — għeluq ta' intrapriżi li jikkompetu magħhom minn intrapriża waħda jew aktar b'saħħa sinifikanti fis-suq (pereżempju l-ostakolar tal-aċċess tax-xerrejja li huma kompetituri għalihom għall-fornimenti u/jew l-aċċess ta' fornituri li huma kompetituri għalihom għall-kanali ta' distribuzzjoni);

  — l-ostakolar tal-aċċess għall-iskema ta' ċertifikazzjoni minn operaturi tas-suq li jikkonformaw mal-prerekwiżiti applikabbli.

  — l-ostakolar tal-partijiet għall-iskema jew partijiet terzi oħrajn milli jiżviluppaw, jipproduċu u jikkummerċjalizzaw prodotti alternattivi li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-iskema

— Informazzjoni għall-konsumatur u r-rekwiżiti tat-tikkettar ([2]). It-tikkettar, ir-riklamar u l-preżentazzjoni ta' oġġetti tal-ikel ma għandhomx ikunu tali li jistgħu jingannaw lix-xerrej sa livell materjali, b'mod partikolari:

  — rigward il-karatteristiċi tal-oġġetti tal-ikel u, b'mod partikolari, rigward in-natura, l-identità, il-karatteristiċi, il-kompożizzjoni, il-kwantità, id-durabbiltà, l-oriġini jew il-provenjenza tagħhom, il-metodu tal-manifattura jew il-produzzjoni;

  — billi jattribwixxu effetti jew karatteristiċi lill-oġġetti tal-ikel li dawn ma jippossedux;

  — billi jissuġġerixxu li l-oġġetti tal-ikel għandhom karatteristiċi speċjali meta fil-fatt l-oġġetti tal-ikel simili kollha jkollhom tali karatteristiċi.

L-iskemi li jiċċertifikaw il-konformità mar-rekwiżiti legali biss ma jistgħux jissuġġerixxu b'xi mod li l-prodotti ċċertifikati għandhom karatteristiċi speċjali li huma differenti minn dawk ta' prodotti simili. L-effett tal-iskemi ma għandux jiġi skreditat jew jiskredita prodotti oħrajn fis-suq, u lanqas il-kredibbiltà tal-kontrolli uffiċjali.

Barra minn hekk, it-tikkettar, ir-riklamar u l-preżentazzjoni tal-ikel ma għandhomx ikunu b'tali mod li jiżgwidaw lill-konsumaturi skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti ([3]).

— L-UE tqis l-obbligi internazzjonali tagħha, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, meta tintroduċi proċedura ta' valutazzjoni rigward il-konformità f'leġiżlazzjoni partikolari.

### 3.2. **Regoli relatati mal-kontenut tal-iskemi**

Barra minn hekk, teżisti leġiżlazzjoni speċifika dwar ħafna suġġetti koperti bir-rekwiżiti tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni (pereżempju rekwiżiti regolatorji għas-sikurezza tal-ikel u l-iġjene ([4]); il-biedja organika; il-benesseri tal-annimali; il-ħarsien ambjentali; l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal prodotti speċifiċi).

Fl-oqsma fejn jeżistu standards jew leġiżlazzjoni rilevanti, l-indikazzjonijiet għandhom iqisu u jkunu konsistenti ma' tali standards jew leġiżlazzjoni u għandhom jagħmlu referenza għalihom fl-ispeċifikazzjonijiet (pereżempju jekk skema tkun qed tagħmel indikazzjonijiet ta' biedja organika, din għandha tkun ibbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 ([5]); skemi li jagħmlu indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għandhom ikunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 ([6]), u għandhom jgħaddu mill-valutazzjoni xjentifika meħtieġa mill-EFSA).

([1]) Id-Direttiva 2006/123/KE tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern; ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

([2]) L-Artikolu 2(1) (a) tad-Direttiva 2000/13/KE fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel; ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.

([3]) Id-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern; ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22 u gwida għall-implimentazzjoni tagħha: SEC(2009) 1666.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel; Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġiniw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman; (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

([5]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

([6]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

B'mod partikolari. fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel u l-iġjene:

— L-iskemi ma jistgħux jippreġudikaw jew jimmiraw li jissostitwixxu l-istandards u/jew rekwiżiti uffiċjali eżistenti, u lanqas m'għandhom jippruvaw jissostitwixxu l-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti għall-iskopijiet ta' verifika uffiċjali tal-konformità mal-istandards u r-rekwiżiti uffiċjali obbligatorji.

— Prodott ikkummerċjalizzat taħt skemi li stabbilixxew standards ta' sikurezza u iġjene lil hinn mir-rekwiżiti legali ma jistgħux jiġi reklamati jew promossi b'tali mod li jiskreditaw jew għandhom it-tendenza li jiskreditaw is-sikurezza ta' prodotti oħrajn fis-suq jew il-kredibbiltà tal-kontrolli uffiċjali.

### 3.3. Regoli li jirregolaw il-valutazzjoni tal-konformità, iċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditazzjoni

Ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u t-tħaddim tal-akkreditazzjoni tal-korpi li jwettqu attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità fil-qasam irregolat ġew stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Waqt li dan ir-Regolament ma fihx rekwiżit biex il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jiġu akkreditati, tali rekwiżit huwa parti minn xi leġiżlazzjoni oħra tal-UE ([1]).

Barra minn hekk, ir-regoli rikonoxxuti fuq livell internazzjonali għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni ta' prodott/proċess jew sistema huma stabbiliti fil-Gwida 65 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandards (ISO) (EN 45011) jew ISO 17021, rispettivament. Waqt li skemi ta' ċertifikazzjoni ta' prodott/proċess jew sistema huma inizjattivi volontarji, sabiex jagħtu ċertifikati ta' prodott/proċess jew sistema taħt akkreditazzjoni, il-korpi ta' ċertifikazzjoni jridu jkunu akkreditati taħt EN 45011/ISO 65 jew ISO 17021.

Madankollu, dan ta' hawn fuq huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti applikabbli kollha tal-liġi dwar l-ikel tal-UE, inklużi l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002:

> "Il-liġi dwar l-ikel għandha ssegwi wieħed jew aktar mill-għanijiet ġenerali ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u s-saħħa u l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur, inklużi prattiki ġusti fin-negozju tal-ikel, waqt li jingħata kont ta', fejn japplika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-ambjent".

Fi ħdan dan il-qafas, ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali jinkludi ċerti regoli għad-delegazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' kompiti ta' kontroll uffiċjali lil partijiet terzi indipendenti (inklużi l-obbligi rigward l-akkreditazzjoni u r-rappurtar).

Il-garanziji mogħtija mill-attivitajiet ta' kontroll uffiċjali huma l-linja bażi, li 'l fuq minnha jistgħu joperaw skemi ta' ċertifikazzjoni speċifiċi fuq bażi volontarja, waqt li wieħed iżomm f'moħħu li kwalunkwe ksur jaqa' taħt il-liġi tal-ikel. Il-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-linja bażi permezz tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni ma teżentax lill-awtoritajiet ta' kontroll uffiċjali mir-responsabbiltà tagħhom.

## 4. RAKKOMANDAZZJONIJIET RIGWARD IL-PARTEĊIPAZZJONI FL-ISKEMA U L-IŻVILUPP TAL-ISKEMA

1. L-iskemi għandhom ikunu miftuħin bi kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji għall-parteċipanti kollha li huma lesti u li huma kapaċi jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet.

2. L-iskemi għandu jkollhom struttura superviżorja li tippermetti l-kontribuzzjoni tal-partijiet interessati kollha kkonċernati fil-katina tal-ikel (il-bdiewa u l-organizzazzjonijiet tagħhom ([3]), il-bejjiegħa agrikoli u agro-alimentari, l-industrija tal-ikel, il-bejjiegħa bl-ingrossa, il-bejjiegħa bl-imnut u l-konsumaturi, kif jixraq) fl-iżvilupp tal-iskema u fit-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod rappreżentattiv u bbilanċjat. Il-mekkaniżmi għall-parteċipazzjoni mill-partijiet interessati u l-organizzazzjonijiet involuti għandhom ikunu ddokumentati u disponibbli pubblikament.

3. Il-maniġers tal-iskemi li joperaw f'pajjiżi u f'reġjuni differenti għandhom iħaffu l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kkonċernati kollha minn dawn ir-reġjuni fl-iżvilupp tal-iskemi.

4. Ir-rekwiżiti tal-iskemi għandhom ikunu żviluppati minn kumitati tekniċi ta' esperti u sottomessi lil grupp usa' ta' partijiet interessati għat-tidħil.

5. Il-maniġers tal-iskemi għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kkonċernati fl-iżvilupp tal-kriterji u l-listi ta' kontroll tal-ispezzjonijiet, kif ukoll fit-tfassil u d-determinazzjoni tal-limiti għas-sanzjonijiet.

6. Il-maniġers tal-iskemi għandhom jadottaw approċċ ta' żvilupp kontinwu fejn jeżistu mekkaniżmi ta' rispons biex ir-regoli u r-rekwiżiti jiġu riveduti regolarment b'mod parteċipattiv. B'mod partikolari, il-parteċipanti fl-iskemi għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp tal-ġejjieni tal-iskema.

([1]) Pereżempju l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel jirrikjedi li "Il-korpi ta' ċertifikazzjoni ta' prodott imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jikkonformaw ma' u, mill-1 ta' Mejju 2010 jkunu akkreditati f'konformità mal-istandard Ewropew EN 45011 jew ISO/IEC Gwida 65 (Rekwiżiti ġenerali għall-korpi li joperaw sistemi ta' ċertifikazzjoni ta' prodott)".

([2]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

([3]) Eżempju l-koperattivi.

7. It-tibdiliet fir-rekwiżiti tal-iskemi għandhom isiru biss meta jkunu ġġustifikati, sabiex ikunu evitati spejjeż ta' addattament mingħajr ħtieġa għall-parteċipanti tal-iskemi. Il-parteċipanti tal-iskemi jridu jingħataw avviż xieraq rigward kwalunkwe bidla fir-rekwiżiti tal-iskemi.

8. L-iskemi għandhom jinkludu informazzjoni ta' kuntatt rigward id-dokumentazzjoni kollha assoċjata mal-iskemi (inkluż fuq websajt) u jistabbilixxu proċess għall-wasla u t-tweġiba ta' kummenti dwar l-iskemi.

## 5. RAKKOMANDAZZJONIJIET RIGWARD IR-REKWIŻITI TAL-ISKEMI U L-INDIKAZZJONIJIET KORRISPONDENTI

### 5.1. Iċ-ċarezza u t-trasparenza tar-rekwiżiti tal-iskemi u l-indikazzjonijiet magħmula

1. L-iskemi għandhom jiddikjaraw b'mod ċar l-objettivi soċjali, ambjentali, ekonomiċi u/jew legali.

2. L-indikazzjonijiet u r-rekwiżiti għandhom ikunu marbuta b'mod ċar mal-objettivi tal-iskemi.

3. L-ambitu tal-iskemi fir-rigward tal-prodotti u/jew il-proċessi għandu jkun iddefinit b'mod ċar.

4. L-ispeċifikazzjonijiet tal-iskemi [1], inkluż sommarju pubbliku, għandhom ikunu disponibbli b'mod liberu (pereżempju fuq websajt).

5. L-iskemi li joperaw f'pajjiżi differenti għandhom jipprovdu traduzzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet jekk issir talba ġġustifikata kif jixraq minn parteċipanti potenzjali jew minn korpi ta' ċertifikazzjoni.

6. L-ispeċifikazzjonijiet tal-iskemi għandhom ikunu ċari, iddettaljati biżżejjed u jinftiehmu mingħajr diffikultà.

7. L-iskemi li jużaw logos jew tikketti għandhom jipprovdu informazzjoni dwar fejn il-konsumaturi jistgħu jsibu aktar dettalji rigward l-iskema, pereżempju l-indirizz ta' websajt, fuq l-imballaġġ tal-prodott jew fil-punt tal-bejgħ.

8. L-iskemi għandhom jiddikjaraw b'mod ċar (pereżempju fuq il-websajt tagħhom) li huma jitolbu ċertifikazzjoni minn korp indipendenti u jipprovdu d-dettalji tal-kuntatt ta' korpi ta' ċertifikazzjoni li jipprovdu dan is-servizz.

[1] Jistgħu jkunu meħtieġa eċċezzjonijiet meta l-ispeċifikazzjonijiet tal-iskemi jkunu bbażati fuq standards li mhumiex disponibbli liberament (pereżempju l-istandards ISO u EN).

### 5.2. Il-bażi tal-evidenza tal-indikazzjonijiet u r-rekwiżiti tal-iskemi

1. L-indikazzjonijiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq evidenza oġġettiva u verifikabbli u dokumentazzjoni xjentifikament soda. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli liberament, pereżempju fuq websajt [2].

2. L-iskemi li joperaw f'pajjiżi u f'reġjuni differenti għandhom jaddattaw ir-rekwiżiti tagħhom f'konformità mal-kundizzjonijiet agroekoloġiċi, soċjoekonomiċi u ġurdiċi u l-prattiċi agrikoli lokali rilevanti, waqt li jiżguraw riżultati konsistenti f'kuntesti differenti.

3. L-iskemi għandhom jindikaw b'mod ċar (pereżempju fuq websajt) jekk, meta u sa liema punt l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom imorrux lil hinn mir-rekwiżiti legali rilevanti, inklużi fl-oqsma tar-rappurtar u l-ispezzjonijiet, jekk ikunu applikabbli.

## 6. RAKKOMANDAZZJONIJIET RIGWARD IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI U L-ISPEZZJONIJIET

### 6.1. L-imparzjalità u l-indipendenza taċ-ċertifikazzjoni

1. Iċ-ċertifikazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-iskema għandha ssir minn entità indipendenti akkreditata:

— minn korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali maħtur minn Stat Membru skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, f'konformità ma' standards u gwidi Ewropej jew Internazzjonali rilevanti li jistabbilixxu rekwiżiti ġenerali għall-korpijiet li joperaw sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti jew

— minn firmatarju ta' korp ta' akkreditazzjoni għall-arranġament ta' rikonoxximent multilaterali (MLA) għaċ-ċertifikazzjoni ta' prodott tal-Forum ta' Akkreditazzjoni Internazzjonali (IAF).

2. L-iskemi għandhom ikunu miftuħin għal ċertifikazzjoni minn kwalunkwe korp ta' ċertifikazzjoni kkwalifikat u akkreditat, mingħajr l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet ġeografiċi.

### 6.2. L-ispezzjonijiet

Bħala prinċipju ġenerali, l-ispezzjonijiet għandhom ikunu effettivi, ċari, trasparenti, ibbażati fuq proċeduri ddokumentati u għandhom jirrelataw ma' kriterji verifikabbli li jkunu l-bażi għall-indikazzjonijiet magħmula mill-iskema ta' ċertifikazzjoni. Riżultati ta' spezzjonijiet mhux sodisfaċenti għandhom iwasslu għal azzjoni xierqa.

1. Għandhom jitwettqu spezzjonijiet regolari tal-parteċipanti tal-iskemi. Għandu jkun hemm proċeduri ċari u ddokumentati għall-ispezzjonijiet, li jinkludu l-frekwenza, it-teħid ta' kampjuni u testijiet tal-laboratorju/analitiċi f'parametri relatati mal-ambitu tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni.

[2] Għandha ssir eċċezzjoni għal informazzjoni kunfidenzjali u/jew proprjetarja, li għandha tkun indikata b'mod ċar.

2. Il-frekwenza tal-ispezzjonijiet għandha tqis ir-riżultati ta' spezzjonijiet preċedenti, ir-riskji inerenti tal-prodott jew il-proċess jew is-sistema ta' ġestjoni, kif ukoll l-eżistenza ta' verifiki interni f'organizzazzjonijiet kollettivi ta' produtturi li jistgħu jikkumplimentaw l-ispezzjonijiet ta' parti terza. Il-frekwenza minima tal-ispezzjonijiet għandha tkun iddeterminata mis-superviżur tal-iskema għall-parteċipanti kollha tal-iskema.

3. Għandu jkun hemm evalwazzjoni sistematika tar-riżultati tal-ispezzjonijiet.

4. Spezzjonijiet għall-għarrieda u spezzjonijiet b'avviż ta' ftit ħin għandhom jintużaw bħala regola ġenerali (pereżempju fi żmien 48 siegħa).

5. L-ispezzjonijiet u l-verifiki għandhom ikunu bbażati fuq linji gwida, listi ta' kontroll u pjanijiet disponibbli pubblikament. Il-kriterji tal-ispezzjonijiet għandhom ikunu marbuta mill-qrib mar-rekwiżiti tal-iskema u mal-indikazzjonijiet korrispondenti.

6. Għandu jkun hemm proċeduri ċari u ddokumentati għat-trattament ta' nuqqas ta' konformità li huma implimentati b'mod effettiv. Għandhom ikunu ddefiniti l-kriterji ta' tkeċċija li jistgħu jwasslu għal:

— nuqqas ta' ħruġ jew l-irtirar taċ-ċertifikat,

— irtirar tas-sħubija, jew

— rappurtar lill-korp ta' infurzar uffiċjali rilevanti.

| 61/2009 | 29.5.2009 | 3.9.2009<br>ĠU L 232, p. 13.<br>Supp Nru 47, p. 14 | Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini<br><br>Id-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem<br><br>Id-Direttiva 2004/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li temenda d-Direttiva 2001/82/KE fuq il-kodiċi tal-Komunità dwar prodotti mediċinali veterinarji<br><br>Id-Direttiva 2004/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li temenda, fir-rigward ta' prodotti mediċinali vegetali tradizzjonali d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli għall-intrapriżi żgħar u medji dwar ħlasijiet lil u jirċievu assistenza amministrattiva mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2006 tad-29 ta' Marzu 2006 dwar l-awtorizzazzjoni kondizzjonali għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li jagħmlu parti mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | 23.12.2009 |
| 62/2009 | 29.5.2009 | 3.9.2009<br>ĠU L 232, p. 18.<br>Supp Nru 47, p. 18 | Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/28/KE tat-8 ta' April 2005 li tistabbilixxi l-prinċipji u l-linji ta' gwida dettaljati dwar il-prattika klinika tajba rigward il-mediċini sperimentali għall-użu tal-bniedem, kif ukoll l-eżiġenzi għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-produzzjoni u l-importazzjoni ta' dawn il-mediċini<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1277/2005 tas-27 ta' Lulju 2005 li jistabbilixxi r-regoli li jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi prekursuri tad-droga u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 li jfassal ir-regoli għas-sorveljanza tal-kummerċ bejn il-Komunità u pajjiżi terzi tas-sustanzi prekursuri tad-droga | 1.3.2010 |

| Numru tad-Deċiżjoni | Data tal-adozzjoni | Referenza għall-pubblikazzjoni | Att(i) legali integrati | Data tad-dħul fis-seħħ |
|---|---|---|---|---|
| | | | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1905/2005 tal-14 ta' Novembru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 297/95 dwar il-ħlasijiet pagabbli lill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini | |
| 107/2009 | 22.10.2009 | 17.12.2009<br>ĠU L 334, p. 4.<br>Supp Nru 68, p. 4 | Regolament (KE) Nru 544/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 717/2007 dwar roaming fuq networks pubbliċi tat-telefonija mobbli fi ħdan il-Komunità u d-Direttiva 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi | 1.4.2010 |
| 116/2009 | 22.10.2009 | 17.12.2009<br>ĠU L 334, p. 19.<br>Supp Nru 68, p. 19 | Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/385/KE tat-30 ta' April 2009 li tikkumplementa r-Rakkomandazzjonijiet 2004/913/KE u 2005/162/KE fir-rigward tas-sistema tar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji | 1.11.2010 |
| 129/2009 | 4.12.2009 | 11.3.2010<br>ĠU L 62, p. 18.<br>Supp Nru 12, p. 17 | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 658/2007 tal-14 ta' Ġunju 2007 li jikkonċerna l-penalitajiet finanzjarji għall-ksur ta' ċerti obbligi fir-rigward ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq li ngħataw skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | 1.8.2010 |
| 150/2009 | 4.12.2009 | 11.3.2010<br>ĠU L 62, p. 51.<br>Supp Nru 12, p. 50 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2009 tal-15 ta' April 2009 li jemenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Annessi IIIA u VI għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeġġi ta' skart | 1.4.2010 |
| 160/2009 | 4.12.2009 | 11.3.2010<br>ĠU L 62, p. 67.<br>Supp Nru 12, p. 65 | Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim sabiex jiġi inkluż ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol, kif emendat mir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1643/95, (KE) Nru 1654/2003, u (KE) Nru 1112/2005 | 15.4.2010 |
| 7/2010 | 29.1.2010 | 22.4.2010<br>ĠU L 101, p. 14.<br>Supp Nru 19, p. 14 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 506/2007 tat-8 ta' Mejju 2007 li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi jew il-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti<br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 465/2008 tat-28 ta' Mejju 2008 li jimponi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93, ir-rekwiżiti tal-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi u l-manifatturi ta' ċerti sustanzi li jistgħu jkunu persistenti, bijoakkumulanti u tossiċi u huma mniżżlin fl-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti<br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2008 tat-28 ta' Mejju 2008 li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi jew il-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti<br>Direttiva 2008/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi | 1.11.2010 |
| 11/2010 | 29.1.2010 | 22.4.2010<br>ĠU L 101, p. 21.<br>Supp Nru 19, p. 21 | Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità | 1.10.2010 |
| 12/2010 | 29.1.2010 | 22.4.2010<br>ĠU L 101, p. 22.<br>Supp Nru 19, p. 23 | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-miri tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE tat-22 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-sottosistema tal-kontroll-kmand u tas-sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea | 1.10.2010 |

| Numru tad-Deċiżjoni | Data tal-adozzjoni | Referenza għall-pubblikazzjoni | Att(i) legali integrati | Data tad-dħul fis-seħħ |
|---|---|---|---|---|
| 17/2010 | 1.3.2010 | 10.6.2010<br>ĠU L 143, p. 1.<br>Supp Nru 30, p. 1 | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 479/2007 tas-27 ta' April 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2076/2005 li jistipola arranġamenti tranżizzjonali għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1243/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1244/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 rigward miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jistipula regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għall-ispezzjoni tal-laħam<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1245/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005, fir-rigward tal-użu tal-likwidu pepsin għall-iskoperta tat-*Trichinella* fil-laħam<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1246/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2076/2005 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tranżitorju mogħti lill-operaturi tan-negozju tal-ikel li jimportaw iż-żejt tal-ħut għall-konsum mill-bniedem<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1441/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikro-bijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel | 1.5.2010 |
| 18/2010 | 1.3.2010 | 10.6.2010<br>ĠU L 143, p. 4.<br>Supp Nru 30, p. 4 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 301/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jadatta l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 882/2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2008 tat-28 ta' Lulju 2008 li jaħtar il-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-mard tal-krustaċji, ir-rabja u t-tuberkolożi tal-ifrat, li jistipula responsabbiltajiet u ħidmiet supplementari għal-laboratorji ta' referenza Komunitarja għar-rabja u t-tuberkolożi tal-ifrat u li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1019/2008 tas-17 ta' Ottubru 2008 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1020/2008 tas-17 ta' Ottubru 2008 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali u r-Regolament (KE) Nru 2076/2005 dwar immarkar għall-identifikazzjoni, ħalib mhux ipproċessat u prodotti mill-ħalib, bajd u prodotti mill-bajd u ċerti prodotti tal-ħut<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1021/2008 tas-17 ta' Ottubru 2008 li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman u r-Regolament (KE) Nru 2076/2005 fir-rigward ta' molluski bivalvi ħajjin, ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-persunal li jgħin fil-kontrolli uffiċjali fil-biċċeriji<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1022/2008 tas-17 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-limiti ta' nitroġenu bażiku volatili totali (TVB-N) | 1.5.2010 |

| Numru tad-Deċiżjoni | Data tal-adozzjoni | Referenza għall-pubblikazzjoni | Att(i) legali integrati | Data tad-dħul fis-seħħ |
|---|---|---|---|---|
| | | | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1023/2008 tas-17 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2076/2005 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu transitorju mogħti lill-operaturi tan-negozju tal-ikel li jimportaw żejt tal-ħut għall-konsum mill-bniedem<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1029/2008 tal-20 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jaġġorna referenza għal ċerti standards Ewropej<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1250/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2074/2005 b'rigward għar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd, tal-molluski bivalvi ħajjin, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gastropodi tal-ibħra maħsuba għall-konsum mill-bniedem<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/337/KE tal-24 ta' April 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2006/968/KE li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward ta' linji gwida u proċeduri għall-identifikazzjoni e-lettronika tal-annimali ovini u kaprini<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/654/KE tal-24 ta' Lulju 2008 dwar linji ta' gwida li jgħinu lill-Istati Membri jħejju l-pjan waħdieni integrat multiannwali nazzjonali ta' kontroll previst fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | |
| 19/2010 | 12.3.2010 | 10.6.2010<br>ĠU L 143, p. 8.<br>Supp Nru 30, p. 9 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 832/2007 tas-16 ta' Lulju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 197/2006 rigward l-użu ta' dawk li kienu oġġetti tal-ikel u l-estensjoni tal-validità tal-miżuri tranżitorji relatati ma' tali oġġetti tal-ikel<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 829/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 li jemenda l-Annessi I, II, VII, VIII, X u XI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 li jemenda l-Annessi I, II u VI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq u t-trasport ta' prodotti sekondarji tal-annimali<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1576/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 92/2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mezzi ta' rimi jew użi ta' prodotti sekondarji tal-annimali | 1.5.2010 |
| 23/2010 | 12.3.2010 | 10.6.2010<br>ĠU L 143, p. 16.<br>Supp Nru 30, p. 19 | Id-Direttivi tal-Kummissjoni Euratom, KEFA, KE, 98/28/KE u 2004/4/KE Inkorporati mill-ġdid. | 1.5.2010 |
| 27/2010 | 12.3.2010 | 10.6.2010<br>ĠU L 143, p. 20.<br>Supp Nru 30, p. 26 | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 303/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-rikonoxximent reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni ta' kumpaniji u persunal fir-rigward ta' tagħmir fiss ta' refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana li fih ċerti gassijiet serra fluworinati<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 304/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji u tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar u ma' pompi tat-tifi tan-nar li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti gassijiet serra fluworinati minn tagħmir għat-tqassim tal-elettriku (switchgear) b'vultaġġ għoli | 1.11.2010 |

| Numru tad-Deċiżjoni | Data tal-adozzjoni | Referenza għall-pubblikazzjoni | Att(i) legali integrati | Data tad-dħul fis-seħħ |
|---|---|---|---|---|
| | | | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 306/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti solventi b'bażi ta' gass serra fluworinat mit-tagħmir<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 307/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' taħriġ u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku tal-attestazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' kondizzjonament tal-arja li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati f'vetturi bil-mutur<br><br>Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-format għan-notifika tal-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni tal-Istati Membri | |
| 29/2010 | 12.3.2010 | 10.6.2010<br>ĠU L 143, p. 24.<br>Supp Nru 30, p. 31 | Direttiva 2008/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva 2004/49/KE dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) | 1.10.2010 |

## Lista ta' ilmijiet minerali naturali rikonoxxuti mill-Islanda u n-Norveġja

*(Tannulla u tieħu post it-test ippubblikat fil-ĠU C 28, 4.2.2010, p. 24 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 5, 4.2.2010, p. 1)*

(2010/C 341/09)

Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-esplojtazzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali ([1]), kif inkorporat fil-punt 54zzzzd tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE, għandha tiġi ppubblika lista ta' ilmijiet minerali naturali rikonoxxuti.

**Lista ta' ilma minerali naturali rikonoxxut mill-Islanda**

| Isem Kummerċjali | Isem is-sors | Post tal-esplojtazzjoni |
|---|---|---|
| Icelandic Glacial | Ölfus Spring | Hlíðarendi, Ölfus, Selfoss |

**Lista ta' ilma minerali naturali rikonoxxut min-Norveġja**

| Isem Kummerċjali | Isem is-sors | Post tal-esplojtazzjoni |
|---|---|---|
| Best naturlig mineralvann | Kastbrekka | Kambrekka/Trondheim |
| Bonaqua Silver | Telemark kilden | Fyresdal |
| Farris | Kong Olavs kilde | Larvik |
| Fjellbekk | Ivar Aasen kilde | Volda |
| Isbre | Isbre kilden | Buhaugen, Osa, Ulvik |
| Isklar | Isklar kildene | Vikebygd i Ullensvang |
| Modal | Modal kilden | Fyresdal |
| Naturlig mineralvann fra Villmark kilden på Rustad Gård | Villmark kilden på Rustad gård | Rustad/Elverum |
| Olden | Blåfjell kilden | Olderdalen |
| Osa | Osa kilden | Ulvik/Hardanger |

([1]) ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45.

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħa għal proposti – EACEA/41/10 għall-implimentazzjoni ta' Erasmus Mundus 2009-2013 għas-sena 2011

(2010/C 341/10)

**Azzjoni 1 – Programmi Konġunti**

**Azzjoni 2 – Sħubiji**

**Azzjoni 3 – Promozzjoni ta' Edukazzjoni Ogħla Ewropea**

GĦANIJIET TAL-PROGRAMM

L-għan ġenerali tal-programm Erasmus Mundus huwa li jippromwovi l-edukazzjoni ogħla Ewropea, li jgħin fit-titjib u fit-tisħiħ tal-prospetti tal-karrieri tal-istudenti u li jippromwovi l-ftehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, skont l-għanijiet tal-politika esterna tal-UE sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostennibbli ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla.

L-għanijiet speċifiċi tal-programm huma:

— li jippromwovi kooperazzjoni strutturata bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla u joffri kwalità mtejba fl-edukazzjoni ogħla b'valur miżjud Ewropew distint, attraenti kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea kif ukoll 'l hinn mill-fruntieri tagħha, bil-għan li jinħolqu ċentri ta' eċċellenza;

— li jikkontribwixxi għall-arrikkiment reċiproku ta' soċjetajiet permezz tal-iżvilupp tal-kwalifiki ta' nisa/rġiel sabiex ikollhom ħiliet xierqa, b'mod partikolari fir-rigward tas-suq tax-xogħol, u jkunu moħħhom miftuħ u b'esperjenza internazzjonali permezz tal-promozzjoni tal-mobilità għal iktar studenti u akkademiċi ta' talent minn pajjiżi terzi sabiex jiksbu kwalifiki u/jew esperjenza fl-Unjoni Ewropea u għal iktar studenti u akkademiċi Ewropej ta' talent lejn pajjiżi terzi;

— li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u għall-kapaċità tal-kooperazzjoni internazzjonali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla f'pajjiżi terzi permezz ta' żieda fil-flussi tal-mobilità bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi;

— li jtejjeb l-aċċessibbiltà u t-titjib tal-profil u l-viżibbiltà tal-edukazzjoni ogħla Ewropea fid-dinja kif ukoll l-attrazzjoni tagħha għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi u għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

Il-Gwida għall-Programm ta' Erasmus Mundus u l-formoli ta' applikazzjoni relevanti għat-tliet azzjonijiet huma disponibbli fl-indirizz li ġej:

http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/funding/higher_education_institutions_en.php

### A. Azzjoni 1 – Programmi Konġunti ta' Erasmus Mundus

Din l-azzjoni għandha l-għan li trawwem il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u l-persunal akkademiku fl-Ewropa, bil-għan li toħloq poli ta' eċċellenza u li tipprovdi riżorsi umani mħarrġa ħafna. Hija komposta minn żewġ sub-azzjonijiet:

— Azzjoni 1A – Korsijiet fil-livell ta' Masters Erasmus Mundus (EMMCs) u

— Azzjoni 1B – Dottorati Konġunti Erasmus Mundus (EMJDs)

li l-għan tagħhom huwa li jappoġġjaw programmi fil-livell post-gradwat ta' kwalità akkademika eċċezzjonali, żviluppati b'mod konġunt ma' konsorzji ta' universitajiet Ewropej u, fejn relevanti, ta' pajjiżi terzi u li jistgħu jikkontribwixxu għal iżjed viżibilità u għal iżjed attrazzjoni tas-settur tal-edukazzjoni ogħla Ewropew. Programmi konġunti bħal dawn iridu jinvolvu l-mobilità bejn l-universitajiet tal-konsorzji u għandhom iwasslu għall-għoti ta' lawrji doppji u multipli konġunti rikonoxxuti.

A.1. *Parteċipanti eliġibbli u Kompożizzjoni tal-konsorzju*

Il-kundizzjonijiet applikabbli għal parteċipanti eliġibbli u għall-kompożizzjoni tal-konsorzju huma speċifikati fil-Gwida tal-Programm fis-sezzjonijiet 4.2.1 għal Azzjoni 1A u 5.2.1 għal Azzjoni 1B.

A.2. *Attivitajiet eliġibbli*

L-attivitajiet eliġibbli huma speċifikati fil-Gwida tal-Programm fis-sezzjonijiet 4.2.2 għal Azzjoni 1A u 5.2.2 għal Azzjoni 1B. Ebda prijorità tematika ma ġiet identifikata għal din is-Sejħa.

A.3. *Kriterji ta' Aġġudikazzjoni*

L-applikazzjonijiet għal Azzjoni 1A u 1B ser jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin:

— Għal Azzjoni 1A – Korsijiet fil-Livell ta' Masters Erasmus Mundus (EMMCs)

| Kriterji | Piż |
|---|---|
| 1. Kwalità akkademika | 30 % |
| 2. Integrazzjoni tal-kors | 25 % |
| 3. Ġestjoni tal-kors, miżuri ta' viżibbiltà u sostennibilità | 20 % |
| 4. Faċilitajiet għall-istudenti u *follow-up* | 15 % |
| 5. Assigurazzjoni tal-kwalità u evalwazzjoni | 10 % |
| **Total** | **100 %** |

— Azzjoni 1B – Dottorati Konġunti Erasmus Mundus (EMJDs)

| Kriterji | Piż |
|---|---|
| 1. Kwalità akkademika u tar-riċerka | 25 % |
| 2. Esperjenza u kompożizzjoni tas-sħubija | 25 % |
| 3. Integrazzjoni Ewropea u funzjonar tal-programm | 20 % |
| 4. Dispożizzjonijiet għal kandidati mogħtija *fellowship* tal-EMJD | 15 % |
| 5. Ġestjoni, sostennibilità u assigurazzjoni tal-kwalità tal-programm | 15 % |
| **Total** | **100 %** |

A.4. *Baġit*

Din is-Sejħa għal proposti ma għandha ebda impatt baġitarju dirett fl-2011. Għandha l-għan li tagħżel:

— Għal Azzjoni 1A (EMMCs): madwar 10 applikazzjonijiet ġodda u sa 22 applikazzjoni ta' tiġdid;

— Għal Azzjoni 1B (EMJDs): madwar 10 applikazzjonijiet ġodda

Għal kull waħda mill-applikazzjonijiet magħżula, fis-sajf tal-2011 ser jinħarġu Ftehimiet ta' Sħubija ta' Qafas (Framework Partnership Agreements – FPA) ta' ħames snin. Dawn l-FPAs sejrin jagħtu lok għall-għoti tal-Ftehimiet ta' Għotja Speċifika annwali li tibda mis-sena akkademika 2012/2013 li sejra tinkludi, minn naħa, appoġġ finanzjarju għall-konsorzji li jimplimentaw il-programmi konġunti u min-naħa l-oħra, numru definit kull sena ta' boroż ta' studji individwali għal studenti Ewropej u studenti minn pajjiżi terzi, kandidati fil-livell ta' dottorat u studjużi.

A.5. *Data ta' għeluq għas-sottomissjoni*

Id-data ta' għeluq għas-sottomissjoni għal Korsijiet fil-Livell ta' Masters Erasmus Mundus (EMMCs) ta' Azzjoni 1A u Dottorati Konġunti Erasmus Mundus (EMJDs) ta' Azzjoni 1B hija d-29 ta' April 2011 f'nofsinhar (12:00 CET).

L-Aġenzija Eżekuttiva stabbilixxiet sistema għas-sottomissjoni elettronika tal-applikazzjonijiet kollha. Għal din is-sejħa għal proposti, l-applikanti għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom permezz ta' formola elettronika disponibbli minn Frar 2011.

Din il-formola (inkluż l-annessi) hija meqjusa bħala l-applikazzjoni definittiva.

L-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi sad-data ta' għeluq u skont ir-rekwiżiti speċifikati fil-formoli ta' applikazzjoni relevanti biss jiġu aċċettati. Applikazzjonijiet sottomessi bil-kitba jew permezz ta' fax jew direttament b'email biss ma jiġux eżaminati.

Sabiex tkun iffaċilitata l-identifikazzjoni ta' esperti bil-ħila akkademika u tar-riċerka relevanti għal Azzjoni 1A (Korsijiet fil-Livell ta' Masters Erasmus Mundus – EMMCs) u 1B (Dottorati Konġunti Erasmus Mundus – EMJDs), il-kandidati huma mistiedna jibagħtu deskrizzjoni qasira tal-programm konġunt tagħhom (massimu ta' paġna waħda inkluż it-titlu, il-qasam/oqsma kopert/i, l-imsieħba ewlenin u sommarju qasir tal-istruttura tal-programm u tal-karatteristiċi prinċipali) preferibbilment xahar bil-quddiem mid-data ta' għeluq imsemmija fuq (jiġifieri sal-31 ta' Marzu 2011). Template ta' din il-folja sommarja bil-proċedura ta' sottomissjoni korrespondenti tista' titniżżel mill-indirizz li ġej:

http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/funding/higher_education_institutions_en.php

B. **Azzjoni 2 – Sħubiji ta' Erasmus Mundus**

Din l-azzjoni għandha l-għan li trawwem il-kooperazzjoni strutturata bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla ta' pajjiżi Ewropej u ta' pajjiżi terzi permezz tal-promozzjoni tal-mobilità ta' kull livell ta' studju għal studenti (li qed jistudjaw għall-ewwel lawrja tagħhom u fil-livell ta' masters), kandidati dottorali, riċerkaturi, persunal akkademiku u amministrattiv (mhux ir-reġjuni u l-lottijiet kollha jinkludu l-flussi tal-mobilità kollha).

Azzjoni 2 – Sħubiji ta' Erasmus Mundus (EMA2) huma maqsumin f'żewġ faxex:

— Azzjoni 2 tal-Erasmus Mundus – FAXXA 1 – Sħubiji ma' pajjiżi koperti bl-istrumenti ENPI, DCI, EDF u IPA ([1]) (ex Tieqa ta' Kooperazzjoni Esterna)

— Azzjoni 2 tal-Erasmus Mundus – FAXXA 2 – Shubiji ma' pajjiżi u territorji koperti bl-Istrumenti ta' Pajjiżi Industrijalizzati (ICI)

B.1. *Parteċipanti eliġibbli, Pajjiżi u Kompożizzjoni tas-Sħubija*

Il-kundizzjonijiet applikabbli għall-parteċipanti eliġibbli u għall-kompożizzjoni tas-shubiji huma speċifikati fil-Gwida tal-Programm fis-sezzjoni 6.1.2.a għal EMA2 -FAXXA 1 u fis-sezzjoni 6.2.2.a għal EMA2- FAXXA 2 u fil-Linji gwida għas-Sejħa għal proposti tal-EACEA 41/10 fis-sezzjoni 5.3.1 għal EMA2 –FAXXA 1 u fis-sezzjoni 5.3.2 għal EMA2- FAXXA 2.

B.2. *Attivitajiet eliġibbli*

L-attivitajiet eliġibbli huma speċifikati fil-"Gwida tal-Programm Erasmus Mundus 2009-2013" fis-sezzjoni 6.1.2.b għal EMA2-FAXXA 1 u fis-sezzjoni 6.2.2.b għal EMA2- FAXXA 2 u fil-Linji "Gwida għas-Sejħa għal-proposti EACEA 41/10" fis-sezzjoni 5.3.1 għal EMA2 –FAXXA 1 u fis-sezzjoni 5.3.2 għal EMA2- FAXXA 2.

([1]) ENPI – Strument Ewropew tal-Viċinat u ta' Sħubija.
DCI – Strument ta' Kooperazzjoni ta' Żvilupp.
IPA – Strument ta' Assistenza għal Qabel l-Adeżjoni.
EDF – Il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp (EDF) huwa l-istrument ewlieni għall-għoti ta' għajnuna Komunitarja għall-kooperazzjoni ta' żvilupp skont il-Ftehim ta' Cotonou: "il-Ftehim ta' Shubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati tal-Afrika, Karibew u Paċifiku minn naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra".

B.3. *Kriterji ta' aġġudikazzjoni*

Applikazzjonijiet skont EMA2-STRAND 1 jiġu vvalutati fuq il-kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin:

| Kriterji | Piż |
|---|---|
| 1. Relevanza | 25 % |
| 2. Kwalità | 65 % |
| 2.1. Kompożizzjoni tas-sħubija u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni | 20 % |
| 2.2. Organizzazzjoni u implimentazzjoni tal-mobilità | 25 % |
| 2.3. Faċilitajiet għall-istudenti/persunal u follow-up | 20 % |
| 3. Sostennibbiltà | 10 % |
| **Total** | **100 %** |

Applikazzjonijiet skont EMA2-STRAND 2 jiġu vvalutati fuq il-kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin:

| Kriterji | Piż |
|---|---|
| 1. Relevanza | 25 % |
| 2. Kontribut għall-eċċellenza | 25 % |
| 3. Kwalità | 50 % |
| 3.1. Kompożizzjoni tas-sħubija u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni | 15 % |
| 3.2. Organizzazzjoni u implimentazzjoni tal-mobilità | 20 % |
| 3.3. Faċilitajiet għall-istudenti/persunal u follow-up | 15 % |
| **Total** | **100 %** |

B.4. *Baġit* (2)

L-ammont globali disponibbli taħt din is-Sejħa għal proposti huwa ta' madwar EUR 95,6 miljun, li jimmira għal fluss minimu fil-mobilità ta' 3 265 individwu.

Il-baġit disponibbli għal EMA2-STRAND 1 huwa ta' EUR 89,3 miljun li jimmira għal mobilità minima ta' 3 125 individwi.

Il-baġit disponibbli għal EMA2-STRAND 2 huwa ta' EUR 6,3 miljun li jimmira għal mobilità minima ta' 140 individwu.

B.5. *Sottomissjoni tad-data ta' għeluq*

Id-data ta' għeluq għas-sottomissjoni għall-Azzjoni 2 ta' Erasmus Mundus-Sħubiji hija d-**29 ta' April 2011 (skont it-timbru tal-posta).**

L-applikazzjoni għall-għotja għandha tintbagħat permezz ta' ittra rreġistrata fl-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency
Call for proposals EACEA/41/10 — Azzjoni 2
Attn Mr Joachim Fronia
BOUR 02/29
Avenue du Bourget 1
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi sad-data ta' għeluq u skont ir-rekwiżiti speċifikati fil-formoli ta' applikazzjoni relevanti biss jiġu aċċettati. Applikazzjonijiet sottomessi permezz ta' fax jew b'email biss ma jiġux eżaminati.

(2) Dan l-ammont huwa kkondizzjonat mill-adozzjoni tal-Baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2011.

Meta applikant jibgħat bosta applikazzjonijiet differenti, kull waħda għandha tintbagħat f'envelopp separat.

C. **Azzjoni 3 – Promozzjoni ta' Edukazzjoni Ogħla Ewropea**

Din l-azzjoni timmira li tippromwovi l-edukazzjoni ogħla Ewropea permezz ta' miżuri li jtejbu l-attrazzjoni, il-profil, l-immaġni u l-viżibbiltà ta', u l-aċċessibbiltà għal, edukazzjoni ogħla Ewropea fid-dinja u tipprovdi appoġġ għal inizjattivi, studji, proġetti, avvenimenti u attivitajiet transnazzjonali oħrajn relatati mad-dimensjoni internazzjonali tal-aspetti kollha tal-edukazzjoni ogħla, bħall-promozzjoni, l-aċċessibbiltà, l-assigurazzjoni tal-kwalità, ir-rikonoxximent tal-krediti, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki Ewropej barra mill-pajjiż u r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki ma' pajjiżi terzi, l-iżvilupp tal-kurrikulum, il-mobilità, il-kwalità tas-servizzi, eċċ.

L-attivitajiet ta' azzjoni 3 jistgħu jieħdu forom varji (konferenzi, seminars, workshops, studji, analiżi, proġetti pilota, premjijiet, netwerks internazzjonali, produzzjoni ta' materjal għall-pubblikazzjoni, żvilupp ta' informazzjoni, għodod ta' komunikazzjoni u teknoloġija) u jistgħu jseħħu kullimkien fid-dinja.

C.1. *Parteċipanti eliġibbli u Kompożizzjoni tal-Konsorzju*

Il-kundizzjonijiet applikabbli għal parteċipanti eliġibbli u għall-kompożizzjoni tal-konsorzju huma speċifikati fil-Gwida tal-Programm fis-sezzjoni 7.2.1.

C.2. *Attivitajiet Eliġibbli*

L-attivitajiet eliġibbli huma speċifikati fil-Gwida tal-Programm fis-sezzjoni 7.2.2.

Għall-għanijiet ta' din is-sejħa għal proposti, il-proġetti jmesshom jindirizzaw waħda mill-prijoritajiet li ġejjin:

— Proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni ta' edukazzjoni ogħla Ewropea f'ċerti żoni ġeografiċi (tingħata prijorità għal żoni li s'issa kienu inqas irrappreżentati fil-proġetti ta' Erasmus Mundus: eż. pajjiżi tal-Afrika u industrijalizzati)

— Proġetti li għandhom l-għan li jtejbu s-servizzi għal studenti internazzjonali u għal kandidati fil-livell ta' dottorat

— Proġetti li jindirizzaw id-dimensjoni internazzjonali tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità

— Proġetti li għandhom l-għan li jsaħħu r-relazzjonijiet bejn l-edukazzjoni ogħla Ewropea u r-riċerka

— Proġetti li jippromwovu l-opportunitajiet ta' studju Ewropej għal kandidati fil-livell ta' dottorat

— Proġetti li jippromwovu l-programm Erasmus Mundus lejn studenti Ewropej.

Proġetti li jbassru li l-attivitajiet li ġejjin mhumiex sejrin jiġu ffinanzjati:

Attivitajiet implimentati fil-kuntest tal-Internazzjonalizzazzjoni tan-Netwerks Tematiċi ta' ERASMUS;

C.3. *Kriterji ta' Aġġudikazzjoni*

L-applikazzjonijiet tal-Azzjoni 3 sejrin jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji ta' aġġudikazzjoni li ġejjin:

| Kriterji | Piż |
|---|---|
| 1. Relevanza tal-proġett għall-programm Erasmus Mundus | 25 % |
| 2. L-impatt potenzjali u mistenni tal-proġett biex jgħin fit-tisħiħ u l-attrazzjoni tal-edukazzjoni ogħla Ewropea madwar id-dinja | 25 % |
| 3. Arranġamenti għat-tixrid tar-riżultati tal-proġett u l-esperjenzi, l-assigurazzjoni tal-kwalita', u pjanijiet għas-sostennibbiltà u l-isfruttament fit-tul tar-riżultati | 15 % |
| 4. Kompożizzjoni tas-sħubija u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni | 15 % |
| 5. Pjan ta' xogħol u baġit | 20 % |
| **Total** | **100 %** |

C.4. *Baġit* ([3])

Din is-Sejħa għal proposti għandha l-għan li tagħżel madwar 6 proġetti. Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-proġetti taħt din is-Sejħa għal proposti huwa ta' EUR 1,3 miljuni. L-ammonti tal-għotja jvarjaw b'mod konsiderevoli skont id-daqs tal-proġetti magħżula (normalment bejn EUR 100 000 u EUR 350 000). Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Aġenzija ma tistax taqbeż 75 % tal-ispejjeż totali eliġibbli.

C.5. *Data ta' Għeluq Għas-Sottomissjoni*

Id-data ta' għeluq għas-sottomissjoni tal-proġetti ta' Azzjoni 3 ta' Erasmus Mundus sabiex itejbu l-attrazzjoni tal-edukazzjoni ogħla Ewropea hija d-**29 ta' April 2011 (skont it-timbru tal-posta).**

L-applikazzjoni għall-għotja għandha tintbagħat permezz ta' ittra rreġistrata fl-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency
Call for proposals EACEA/41/10 — Azzjoni 3
Attn Mr Joachim Fronia
BOUR 02/29
Avenue du Bourget 1
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi sad-data ta' għeluq u skont ir-rekwiżiti speċifikati fil-formoli ta' applikazzjoni relevanti biss sejrin jiġu aċċettati. Applikazzjonijiet sottomessi permezz ta' fax jew b'email biss mhumiex sejrin jiġu aċċettati.

---

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 2.

# L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

## AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI

(2010/C 341/11)

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza l-kompetizzjonijiet ġenerali li ġejjin: EPSO/AST/112/10 – ASSISTENTI (AST 3) fl-oqsma li ġejjin:

1. Statistika
2. Finanzi/Kontabilità
3. Riżorsi Umani
4. Teknoloġija Informatika u tal-Komunikazzjoni (TIK)

L-avviż tal-kompetizzjoni hu ppubblikat fit-23 lingwa fil-Ġurnal Uffiċċjali C 341 A tas-16 ta' Diċembru 2010.

Informazzjoni komplimentari tinstab fuq il-websajt tal-EPSO http://eu-careers.eu

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi** (1)

*(Avviż relatat mal-applikazzjoni għal permessi esklussivi għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejħa "Permis de Dicy")*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 341/12)

Permezz ta' applikazzjoni bid-data tal-21 ta' Ġunju 2010, il-kumpanija Realm Energy International li l-uffiċċju reġistrat tagħha huwa 2nd Floor, Berkeley Square House, Berkeley Square, London W1J 6BD, UNITED KINGDOM talbet biex jinħarġilha permess esklussiv għal perjodu ta' ħames (5) snin, imsejjaħ "Permis de Dicy", għal tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass f'erja ta' madwar 705 kilometru kwadru, li tagħmel parti mid-dipartimenti ta' Loiret u ta' Yonne.

Il-perimetru taż-żona ta' dan il-permess huwa kkostitwit mill-arki tal-meridjani u l-paralleli li jgħaqqdu suċċessivament il-punti definiti hawn taħt permezz tal-koordinati ġeografiċi tagħhom, bil-meridjan oriġinali dak ta' Pariġi.

| Punt | Lonġiitudni grad mill-Lvant | Latitudni grad mit-Tramuntana |
|---|---|---|
| A | 01,00 | 53,50 |
| B | 01,20 | 53,50 |
| C | 01,20 | 53,20 |
| D | 00,60 | 53,20 |
| E | 00,60 | 53,40 |
| F | 00,70 | 53,40 |
| G | 00,70 | 53,36 |
| H | 00,68 | 53,36 |
| I | 00,68 | 53,35 |
| J | 00,64 | 53,35 |
| K | 00,64 | 53,27 |
| L | 00,67 | 53,27 |
| M | 00,67 | 53,28 |

(1) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

| Punt | Lonġiitudni grad mill-Lvant | Latitudni grad mit-Tramuntana |
|---|---|---|
| N | 00,73 | 53,28 |
| O | 00,73 | 53,30 |
| P | 01,10 | 53,30 |
| Q | 01,10 | 53,40 |
| R | 01,00 | 53,40 |

**Tressiq tal-applikazzjonijiet u l-kriterji għall-għoti tad-dritt**

Dawk li jressqu l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet kompetittivi għandhom jiġġustifikaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tad-dritt, kif definit fl-Artikoli 4 u 5 tal-Liġi Nru 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

Il-kumpaniji interessati jistgħu jippreżentaw applikazzjoni kompetittiva fi żmien disgħin jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, f'konformità mal-proċedura miġbura fl-"Avis relatif à l'obtention des titres miniers d'hydrocarbures en France" (Avviż dwar il-ksib ta' drittijiet minerarji għall-idrokarburi fi Franza), ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* C 374 tat-30 ta' Diċembru 1994, p 11, u stabbilita bil-liġi Nru 2006-648 tat-2 ta' Ġunju 2006 dwar id-drittijiet minerarji u tal-ħżin taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

L-applikazzjonijiet kompetittivi għandhom ikunu indirizzati lill-Ministru responsabbli mill-minjieri fl-indirizz li jidher hawn taħt. Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni inizjali u l-applikazzjonijiet kompetittivi jittieħdu fi żmien sentejn minn meta l-applikazzjoni inizjali tasal għand l-awtoritajiet Franċiżi, mhux aktar tard mill-21 ta' Awwissu 2010.

**Il-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti rigward il-prestazzjoni tal-attività u l-waqfien tagħha**

L-applikanti huma mistiedna jirreferu għall-Artikoli 79 u 79.1 tal-kodiċi minerarju u għad-Digriet Nru 2006-649 tat-2 ta' Ġunju 2006, dwar ix-xogħlijiet minerarji, u x-xogħlijiet tal-ħżin taħt l-art u l-kontroll tal-minjieri, u l-ħażniet taħt l-art (*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Ġunju 2006).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Ministère de l'Écologie, de l'Énergie, du Développement durable et de la Mer:

Direction générale de l'énergie et du climat, direction de l'énergie, sous-direction de la sécurité d'approvisionnement et nouveaux produits énergétiques, bureau exploration et production des hydrocarbures, Grande Arche de la Défense — Paroi Nord, 92055 La Défense Cedex, FRANCE (Tel. +33 140819529).

Id-dispożizzjonijiet regolatorji msemmija hawn fuq, jinsabu fis-sit tal-internet Légifrance: http://www.legifrance.gouv.fr

**L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)**

2010/C 341/11 Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali ........ 46

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 341/12 Komunikazzjoni mill-Gvern Franċiż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi *(Avviż relatat mal-applikazzjoni għal permessi esklussivi għat-tiftix ta' depożiti tal-idrokarburi likwidi jew fil-forma ta' gass, imsejħa "Permis de Dicy")* [1] ........ 47

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT